**KUNSILL LOKALI NADUR**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA' (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Sitta u Għoxrin (26)

## It-Tlieta, 2 ta' Marzu 2021

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' *Online* (Għawdex), fil-4:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Owen Buġeja | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**26.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ ma setax jattendi minħabba impenji oħra.

**26.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti**

Il-Minuti tal-Erbgħa u għoxrin (24) il-laqgħa tat-2 ta' Frar 2021 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Filwaqt li dawn ġew approvati unanimament, l-iskeda tal-pagamenti numru 24 ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretarju Eżekuttiv, Proponent:-Eucharist Camilleri u Sekondant:-Jean Paul Portelli.

**26.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;**

Is-Sindku ta' l-aħħar żviluppi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u l-kontijiet tal-bank.

**Varjazzjonijiet fuq it-Toroq Rurali u PPP:** Il-Kunsill ħareg 50,000 euro lil Gatt Tarmac Ltd u 15,000 euro fuq it-toroq tal-PPP.

**Rural Roads Co-Financing**: L-Kunsill qed jistenna lil board jiltaqa' sabiex naraw kemm ser nirċievu.

L-Kunsill irċievi mingħand il-Wasteserv 51,000 euro fuq organic waste (dawn sa Gunju 2020) , Il-Kunsill faddalu jirċievi 5,000 euro minn MGOZ fuq t-tizjien tad-dawl tal-Milied u madwar 12,000 euro fuq LA tal-WSC (Pjazza San Pietru Pawl, Triq il-Qortin, Triq ta' Xurdin u Inzul il-Franċizi. Il-Kont mas-Central bank ser jingħalaq u l-Kunsill irċieva l-ammont ta' 1,977 euro li kien baqa pendenti fuq M4.3 u dan ikun ingħalaq ukoll il-proġett.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata, u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil unanimu fuq l-iskedi ppreżentati u dawn ġew iffirmati.

**26.4 Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Żviluppi mill-Kunsilliera.**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**KUNSILL LOKALI NADUR**

***Is-Sindku ppreżenta dawn l-iżviluppi:***

***26.4.1 Talba għal passaġġ fil-bajja ta' San Blas***- Il-Kunsill qed jistenna l-clearance mingħand l-Awtoritajiet tal-Artijiet.

***26.4.2 Talba għal gate fi sqaq tal-Pjazzetta***- Din lesta u twaħħlet.

***26.4.3 Lapida fi Triq Xandriku-***Din ġiet ordnata u anke il-Kotba tal-fotografija.

***26.4.4- Ħadida fil-bankina fi Triq il-Knisja***- Din ma ġietx approvata minn TM.

***26.4.5- Rampa fi Triq tad-Duru*** – Din lesta.

***26.4.6- Rampa fi Triq Wied Bingemma*** – Din qed issir.

***26.4.7- Ċint biex jitranġa Triq tat-Targa*** – Dan lest.

***26.4.8- Bozza Ġdida fi Triq ir-Ramla*** – Il-Kunsill qed naħdmu jipprova li inċaqilqu waħda.

***26.4.9- Zebra Crossing fi Triq Binġemma*** – Din tneħħiet lesta.

***26.4.10- Tikħil fuq xi ġibjuni tal-ilma f'Wied Binġemma*** – Dawn lesti.

***26.4.11- Sement taħt bankini fi Triq it-Tiġrija*** – Din lesta.

***26.4.12- Titnaddaf patch li niżlet u timtela mill-ġdid fi Triq San Blas*** – Din lesta.

***26.4.13- Bin ġdid fil-Belvedere fi Triq ir-Rabat*** – Dan lest.

***26.4.14- Bollards tal-plastic reflectors ma' gandott fi Triq Daħlet Qorrot*** – Dawn lesti.

***26.4.15- Sement minħabba problema tal-ilma fi Triq tat-Tarġa*** –Dan lest.

***26.4.16- Inċaqilqu żewġ pots minn Triq Lazzru Pisani –*** Dawn lesti.

***26.4.17- Titranġa tappiera li kissru tal-WSC fi Triq l-Mnarja*** – Din lesta.

***26.4.18- Jitranġaw żewġ żwiemel tal-logħob fi Playing Field tal- Ħali*** – Dawn lesti.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

***26.4.19- Titranġa kantuniera ta' bankina fi Triq ta' Grunju*** – Din lesta.

***26.4.20- Jitranġaw bins ta' ħdejn l-iskola*** – Dawn lesti.

***26.4.21- Jinbena ħajt sejjieħ ħdejn Villa tal-Kokka*** – Dan lest.

***26.4.22- jinfetaħ aċċess għal bdiewa f'passaġġ pubbliku f'San Blas*** – Dan lest.

***26.4.23- Bankini fi Triq Lourdes u Triq Kappillan*** – Dawn lesti.

**26.4.24** ***Pendenti*** – Zebgħa fil-bollards tal-Playing Field ta' San Blas, Zebgħa lil Gazebo tal-Playing Field tal-Ħali, Patching fi Triq il-Madonna ta' Fatima, Sement fi Triq ta' kenuna, Trab fil Partita ta' San Blas, Sement fi Triq tax-Xini, Patch fi Triq Ħida, bankina tal-Kazin tal-futbol u Sement fi Triq Wied ir-Rihan.

**26.4.25** ***Żviluppi dwar Talbiet minn Eucharist Camilleri***:

- Rigward is-sistema tal-Panelli fi Triq Inzul il-Franċizi-Il-kunsill issa qed jistenna mingħand l-Enemalta biex jinbeda x-xogħol.
- Bankina fi Triq Dun Guzepp Vella- Ġie ordnat l-madum bis-sistema tal-*customer Care.*
- Mera Triq Hida faċċata Triq Plier – Din lesta.
- Stop sign ġdida fi Triq San Ġuzepp –Din lesta.
- Jinġabar bulky Refuse fil-parti tar-Ramla Fuq – Dan lest u sar clean up ukoll.
- Passaġġ quddiem skola jinqata ħaxix – Dan lest.
- Sqaq fi Triq San Koronatu – saret visit.

Pendenti: Patch fi Triq il-Knisja u bini ta' Ħajt f'Daħlet Qorrot.

**25.4.26** ***Żviluppi dwar Talbiet minn Jean Paul Portelli:***

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

- Bozza ma tixgħelx sew fi Triq Telegrafu naraw fuqha.
- Pendenti: Il-Gibjun tal-Pjazza biex niċċekjaw jaħdimx, Passaġġ bit-torba tax-Xini.

**26.4.26 *Żviluppi dwar Talbiet minn Joseph Vella*:**

- Triq Wied il-Buskett – ħaxix u dog bin – Dawn lesti.

**26.4.27 *Żviluppi dwar Talbiet minn Josef Camilleri*:**

- Sinjali sofor fi Triq DC Cocco Palmeri – Dawn lesti.

  Pendenti: Sement fi Sqaq tad-Duru- Dan ser isir il quddiem.

**26.5. Korrispondenza;**

| | |
|---|---|
| 6772 | Ittra mingħand confraternity of Knights of St. Peter & St. Paul. |
| 6773 | Ċirk.AKL 2021/010 Malta Epilepsy Day |
| 6774 | Ċirk. AKL 2021/011-Webinar for DPO's and GDPR for Local Government |
| 6775 | Approved application Outdoor gym assistance scheme - Eco Gozo- MGOZ- Belvedere of Duru |
| 6776 | Ċirk. AKL 2021/14- Group Life Policy |
| 6777 | Ċirk. AKL 2021/013- Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv nr. 42 |
| 6778 | Ċirk. AKL 2021/012-MCAST free language courses |
| 6779 | Preparation of master plans and technical guidnes for selected valley catchments in the Maltese islands |
| 6780 | Ċirk. AKL 2021/016- EUCF Webinar |
| 6781 | Ċirk. AKL 2021/015- Indafa Pubblika 24/2/21 |
| 6782 | Skema Reġjonali - Ambjent 2021 |
| 6783 | Finanzjament Addizzjoni mir-Reġjun Għawdex b'rabta ma' SPI.SCI.8.20. Espressjoni ta' Interess- Il-Belt jew Raħal tas-sena 2022 |

| | |
|---|---|
| 6784 | Save Nadur Zoom Action meeting- Malta - Arch |
| 6785 | Ċirk. AKL 2021/017- Kollaborazzjoni bejn Kunsilli Reġjonali/Kunsilli Lokali u Eko skola |
| 6786 | Ċirk. AKL 2021/018 cor-Tnedija tal-Programm YEP 2021 |
| 6787 | LCPPN no.17- Duration of contracts for the provision of services for the collection of recyclable waste |
| 6788 | LCPPN no.16- Tenders for street sweeping and cleaning services |
| 6789 | Allocated budget 2021- Library Nadur-1,000 euro |
| 6790 | Museum subien Nadur rigward kollaborazzjoni fuljett |
| 6791 | SPI/SCI/7/20- Espressjoni ta' Interess - Smart Solutions għall-Immaniġġjar tal-Iskart |
| 6792 | NTYC- rigward kollaborazzjoni ta' attivita' online |
| 6793 | Ittra mingħand Daniel Meilak- St. Peter and St. Paul Parish Office dwar kollaborazzjoni ta' Ktieb. |
| 6794 | Dikjarazzjoni mingħand il-familji Vella u Grech rigard li huma werrita ta' art fabbrikabbli fi Triq Piju Cellini u Triq Frangisk Saver Sciortino. |

***Rimarki oħra:- -***

**Tinda tal-Boċċi fil-Ġnien ta' San *Blas* –** Rigward din it-tinda reġgħu kellmuna mill-PA u Perit qed jirregolarizza izda jrid risposta u deċizzjoni minn naħa tal-Kunsill jekk hux ha japplika għal DNO jew inkella Full application. Il-Kunsill iddeċieda li napplikaw fuq DNO għalissa.

**Zvilupp Triq Qortin –** Kunsill għamel objection kif ġiet diskussa waqt il-Kunsill bl-emendi li intalbu waqt il-laqgħa. Intallab ukoll lil PA li l-Kunsill ikollu vot. Kien hemm ittra mingħand Malta –ARCH għal protesta u bgħatu lil Kunsill proposta li bgħatu lil Pulizija għal permess biex isir marċ u protesta fit-3 ta' April mill-Pjazza sa Triq Daħlet Qorrot. Eucharist Camilleri kontra d-data mgħazula lejliet l-Għid il-kbir li suppost zmien ta' silenzju. Il-Kunsillier Joseph Vella staqsa kif dawn jistgħu jiġu mingħajr ma talbu permess lil Kunsill. Is-Sindku innota li fl-ebda ħin ma talbu permess lil Kunsill izda lil Pulizija u aħna ikkupjati fl-email. Joseph Vella staqsa min ser jidħol responsabbli ta' din l-attivita' specjalment bhalissa minħabba l-Covid-19. Hu għamilha ċara li ma jaqbilx ma' l-iżvilupp mhux sostenibbli izda hu kontra kif ser isir din il-protesta u l-Kunsill għandu ikollu *say* fil-

permess biex jekk isir mhux bhalissa. Joseph kompla jgħid li kellmuh nies vunerabbli li ma jixtiequx li jgħaddu bil-protesta minn quddiemħom u jekk ser isir xi ħaga jibdew minn San Blas sa Daħlet Qorrot. Eucharist Camilleri qal ukoll li bhalissa mhux zmien u li anke l-monti bhalissa għandu jiġi imwaqqaf. Il-Kunsillier Jean Paul Portelli qal li jaqbel ma protesti kontra abbuż fuq l-ambjent imma bhalissa n-Nadur hemm problema kbira bil-Covid-19 u Sibt il-Għid mhux sew u dan iz-zmien mhux xieraq għar-residenti tan-Nadur. Il-Kunsillier Josef Camilleri ma jaqbilx ukoll mad-data u li jiġu nies in-Nadur bhalissa. Is-Sindku talab lil Kunsilliera il-*way forward* peress li mhux iħossu komdu jikkumenta peress li aħna konna biss kopjati fl-email u ma intalab l-ebda permess. Il-Kunsillier Joseph Vella qal li għandna nibgħatulhom li l-Kunsill mhux jaqbel mal-gurnata u jekk ser isir tibda minn San Blas minn ħdejn il-Perit sa Daħlet Qorrot. Is-Sindku talab lis-segretarja tagħmel ittra u turi lil Kunsilliera kollha u jekk ikun hemm tlett approvals tmexxi.

**Talba dwar kollaborazzjoni ta' Ktieb fuq Dun Martin Camilleri-** Kien hemm diskussjoni fit-tul fuq din l-item. Wara d-diskussjoni mal-Kunsilliera u Segretarja s-Sindku talab lil Viċi Sindku jagħmel mozzjoni. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri għamel mozzjoni li jaqbel ma' l-idea li jiġi pubblikat ktieb dwar il-bijografija ta' Dun Martin Camilleri fl-okkażjoni tal-mitt sena mill-mewt tiegħu. Hu kompla jgħid li l-Kunsill iħallas l-ammont ta' 1,000 euro u l-ktieb jiġi pubblikat minn naħa tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku issekonda din il-mozzjoni. Is-Segretarja ser tibgħat ittra fejn tinforma dan.

**Kollaborazzjoni għal Farsa tal-Karnival online ta' NTYC (Nadur Teen & Youth Centre)-** Kien hemm qbil li l-Kunsill jikkollabora f'din il-farsa.

**AKL Group Life Policy-** Assikurazzjoni biex jekk jiġi nieqes Sindku, Viċi Sindku, Kunsilliera, Segretarju Eżekuttiv jew ħaddiema tal-Kunsill Lokali l-familjari jibbenifikaw minn din l-għajnuna. Kien hemm qbil li isir din l-assikurazzjoni u s-Segretarja għandha tibgħat lil AKL li interessati biex meta tinħareg inkunu informati.

**Museum tas-Subien dwar kollaborazzjoni fil-fuljetti -** Kien hemm qbil li l-Kunsill jikkollabora bhas snien ta' qabel**.**

**Ittra mingħand Confraternity of the Knights of St. Peter & St Paul -** Talba għal arblu fil-Pjazza**.** Ma kienx hemm qbil għal din it-talba peress li ga hemm arblu fil-Pjazza tal-Kunsill u jkun qed jinħoloq preċident ma' għaqdiet oħra.

**26.6. Skemi;**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**Skema Għall-żvillup u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex maħruġa minn naħa tad-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy-** Ix-xogħolijiet li għalihom se jingħata l-finanzjament iridu jsiru sad-29 ta' Lulju 2022 u l-applikazzjoni trid tiġi sotometta sal-24 ta' April 2021. Is-Sindku innota li ma ilħaqnix naraw on site imma hemm bzonn li jittrangaw xi equipment, ikun hemm barriers bhala protection u diversi affarijiet oħra. Hu kompla jgħid li ser naraw fuq il-post. Il-Kriteria ser tkun l-aktar fuq innovazzjoni. Kien hemm qbil ukoll li l-applikazzjoni ser jaħdmu fuqha l-Perit, s-Sindku, s-Segretarja flimkien ma William Sultana.

**Skema Reġjonali –Ambjent 2021-** Ir-Reġjun ta' Għawdex qiegħed jalloka sa' massimu ta' 15,500 euro lil kull Kunsill Lokali. Ix-xogħolijiet li għalihom se jingħata l-finanzjament iridu jsriu tal-31 ta' Diċembru 2023 u l-applikazzjoni trid tiġi sotometta sal-15 ta' Awissu 2021. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill japplika fuq uplift tal-latrina fi Triq it-Tramuntana jew inkella maintenance fuq gonna u playing fields. Kien hemm diskussjoni fuq x'proġġetti jistgħu jiġu applikati. Is-Sindku innota li din l-iskema ser terġgħa tiġi diskussa f'laqgħa oħra u għalhekk għalissa kulhadd jaħseb fuq liema proġġett nistgħu napplikaw.

**Skema Reġjonali –Kultura Għawdex 2021-** Ir-Reġjun ta' Għawdex qiegħed jalloka sa' massimu ta' 10,000 euro lil kull Kunsill Lokali. Ix-xogħolijiet li għalihom se jingħata l-finanzjament iridu jsriu tal-31 ta' Diċembru 2023 u l-applikazzjoni trid tiġi sotometta sal-15 ta' Awissu 2021. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri ippropona li l-Kunsill japplika fuq l-Attivita' tal-Wine Festival jew tas-sena 2022 jew inkella 2023 minħabba l-Covid-19. Kien hem qbil fuq dan.

**Skema Għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021 maħruġa minn naħa tad-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy –** Is-Sena ta' perjodu tal-implimentazzjoni ha tibda tgħodd minn meta id-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika jirrevoka id-direttiva ta' l-attivitajiet tal-massa. L-applikazzjoni trid tiġi sotometta sat-2 ta' April 2021. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri

ippropona li l-Kunsill japplika għal Karnival 2022. Is-Segretarja ser taħdem fuq l-applikazzjoni li wara jara s-Sindku u William Sultana. Kien hemm qbil fuq dan kollu.

**Skema *Restoration Works Scheme for Gozitan Local Councils 2020*- ECO Gozo-MGOZ-** Il-MGOZ approva l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali bl-ammont ta' 7,225 euro excl.VAT fuq restawr tal-Monumnet tal-FECC tal-Karnival. Il-Proġett irrid ikun lest sa' l-aħħar ta' Settembru 2021. Is-Sindku qal li wisq probbabli inriedu inkellmu s-supplier minn Malta rigward offerta.

***Skema Outdoor gym Assistance for Gozitan Local Councils 2020*- ECO Gozo-MGOZ-** Il-MGOZ approva l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali bl-ammont ta' 2,074 euro excl.VAT fuq gym equipment waħda u safety mats fil-Belvedere tad-Duru. Il-Proġett irrid ikun lest sa' l-aħħar ta' Settembru 2021. Is-Segretarja ser tiġbor tlett kwotazzjonijiet.

**26.7. Offerti Pubblici**

**26.7.2 Offerta tal-ġbir ta' l-iskart** – Kien hemm qbil li tinħareg offerta ġdida peress li kuntratt ser jiskadi f' Settembru 2021. Is-Segretarja bgħatet lid-DLG u ġiet informata li tista terġgħa toħrog offerta li tkun għal sena u jiġġedded b'xhur.

**27.7.3 Offerta tas-sement** – Is-Segretarja innotat li l-Kuntratt irid jiġi imġedded għal sena oħra kif stipulat fil-Kuntratt stess. Is-Sinku għamel mozzjoni biex dan jiġi imġedded u l-Viċi Sindku issekonda din l-mozzjoni.

**26.8. Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Socjali**

**26.8.1. Kollaborazzjoni ma' FKNK**: Il-Kunsillier Jean Paul Portelli ta update. Hu qal li ser ikun hemm laqgħa din il-gimgħa u jibgħatulna l-punti.

**26.8.2. Karnival – Fondazzjoni** – Is-Sindku tkellem mal-membri proposti u dawn kollha qablu.

**26.8.3. L-Għid**

- Tiżjin Ġimgħa Kbira mas-Salib – Il-Kunsillier Jean Paul Portelli ta update fuq dan.
- Fjakkoli fuq bjut Pjazza – se nqabbad lil Peter Ray jikkordina ma Ivan Xuereb.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

- Figolla zghira tfal skejjel – Is-Segretarja innotat li l-figolli ġew ordnati mingħand Grech's Bakery u ser jitqassmu fit-30 ta' Marzu.

**26.8.4. Emerging Rural Destination** – Dan il-programm ma' CVC inbeda izda minħabba l-Covid-19 ma' laħħaqax tlesta.

**26.8.5. Rikonoxximenti ma' Gieħ in-Nadur**- Is-Sindku talab lil Joe Chircop iħażżeż xi linji gwida sempliċi. Kien hemm qbil fuq dan.

**26.8.6. *Activities Restructuring Team*** – Is-Sindku ippropona lil Jean Paul Portelli, Peter Paul Azzopardi, Michael Camilleri, Mark Azzopardi u Joseph Azzopardi. Il-Kunsillier Joseph Vella ippropona lil Rubert Grech. Kien hemm qbil fuq dawn kollha biex jagħamlu suġġerimenti imbgħad ta' jista' jinbiddel fuq l-attivitajiet stabbiliti. Wara dawn is-suġġerimenti imbgħad jiġu deċizi f'lagħa tal-Kunsill.

**26.9. Proġetti u Xogħolijiet Oħra.**

**26.9.1 Triq ta' Kenuna-** Is-Sindku spjega fid-dettal l-aħħar zviluppi fuq dan il-proġett. Hu qal li l-bankina kwazi lesta u saru s-servizzi tal-ilma sa' Triq it-Telegraph. Imbgħad malli titlesta l-bankina ikun għad faddal biss it-triq. Is-Sindku innota li għandu kwotazzjoni għad dwal ta' madwar il-monument mingħand Calleja Ltd bl-ammont ta' 989 euro (Vat inkluż). Kien hem qbil fuq din il-kwotazzjoni.

**26.9.2 Triq Daħlet Qorrot-** Il-Kunsill kellu laqgħa online mal-Ministru flimkien mal-Kunsilliera fejn l-Ministru informa lil Kunsill li ser jinbnu l-ewwel il-ħitan tas-sejjieħ imbgħad it-Triq.

**26.9.3 Triq ir-Ramla l-Qadima-** Bħalissa l-Kuntrattur mhux jaħdem hemm.

**26.9.4 Cameras Ġnien il-Kunsill-** Dawn għadhom pendenti.

**26.9.5 Belvedere fi Triq ir-Ramla l-Qadima-** Il-Kunsill qed jistenna mingħand il-Perit.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**26.9.6 Green Wall ta' Xhajma**: Is-survey huwa lest.

**26.9.7 Pjanċi fil-Ġnien ta' Kenuna** – Dawn ordnati.

**26.9.8 Dawl fis-soft area ta' Triq it-Tramuntana-** Is-Sindku innota li għandu kwotazzjoni mingħand Calleja Ltd fuq 3 brazzi bil-fanal u bozza- madwar 962 euro inkella LED's minflokk bozza li tiġi madwar 1,400 euro. Kien hemm qbil li jsiru bil-bozza u mhux LED's. Imbgħad jitwaħħal bollard u anke hemm bzonn ngħaddu trench zgħira. Kien hemm qbil fuq dan kollu.

**26.9.10 Gazebo fil-Playing Field ta' San Blas –** Din lesta.

**26.9.11 Muxa fi Triq San Gwann** – Irid isir survey.

**26.9.12. Ir-Railings ta' Triq ir-Rabat –** Il-Kunsill għadu jistenna minn naha tal-MGOZ rigward dawn peress li qedin f'Triq Arterjali.

**26.9.13. Latrina ħdejn il-Playing Field ta' San Blas-** Dan il-progett pjanat li jsir il quddiem.

**26.9.14. Bus shelter fil-Pjazza San Pietru u San Pawl**- Il-Kunsill għadu ma irċieva l-ebda risposta mingħand FACES.

**26.9.15. Zebgħa u bullards fi Triq Arc. Saver Cassar u Pjanti-** Dawn għadhom ma sarux.

**26.9.16. Bolavostri quddiem il-monument tal-Gwerra u dawl fi Triq it-Tigrija**- Il-Bolavostri huma ordnati.

**26.9.17. Latrina Pubblika fi Triq it-Tramuntana**- is-Sindku innota li ser niġbru stima tax-xogħol.

**26.9.18. Sqaq fi Triq San Blas**- Qed nistennew stima tal-imprint.

**26.9.19. Railing fi Triq il-Madonna ta' Fatima**- Ix-xogħol huwa lest u kemm nizbhu l-Ħadid.

**26.9.20. Pending:** il-Festun tal-fiss fil-Pjazzetta.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**26.9.21.Tabelli Merħba** – Is-Sindku innota li jkun aħjar li nżommu mal-istess kunċett u isiru ġodda. Kien hemm qbil.

**26.9.22. Belvedere Triq Duru** – Ser jiġu irrangati xi madum, u anke jiġi installat dawl.

**26.9.23. In-nizla tal-Bajja ta' San Blas** – Ser jiżdied ftit aktar ħadid li jżommu miegħu n-nies.

**26.10.Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.**

**26.10.1.Rikjesti mis-Sindku:**

- Talba għal bankina ġdida fi Triq San Blas. Kien hemm qbil.
- Talba biex jitranga ħajt tas-sejjieħ fi Triq Frangisk Attard. Kien hemm qbil.
- Talba biex jitrangaw ħitan tas-sejjieħ fi Triq ix-Xemmiex. Kien hemm qbil.
- Talba biex titranga tappiera fi Triq tad-Duru. Kien hemm qbil.
- Talba għal patching taħt rampa fi Triq Dun Ġwann Camilleri. Kien hemm qbil.
- Talba għal sement taħt bankina fi Triq ta' Said. Kien hemm qbil.
- Talba għal sement taħt rampa fi Triq San Blas. Kien hemm qbil.
- Talba biex jitranga ħajt tas-sejjieħ fi Triq il-Qortin. Ma kienx hemm qbil fuqha peress li talab ħitan fit-tul kif qed isiru minn naħa tal-MGOZ fit-Triq Daħlet Qorrot.
- Talba biex teħel mera fi Triq il-Qala. Kien hemm qbil.
- Talba biex jitranga ħajt imwaqqa fi Triq ta' Bordin. Kien hemm qbil.
- Talba għal sement quddiem dar ħdejn ta' Zemek fejn izomm l-ilma tax-xita. Kien hemm qbil.
- Talba għal linji sofor fi Triq San Blas (ħdejn il-Perit) peress li hemm il-periklu. Is-Segretarja ser tagħmel kuntatt ma TM fuq x'jista jsir l-aħjar.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**26.10.2 Rikjesti mill-Viċi Sindku:**

- Tallba għal nirrangaw sement fi Sqaq tad-Duru. Is-Sindku innota li għalissa dan mhux ser isir peress li l-ewwel inriedu inġibu stima fuq is-sement u imbgħad ngħaddu waqt il-laqgħa tal-Kunsill.
- Talba biex jinbiddel fanal fi Triq San Koronatu. Kien hemm qbil.
- Reminder rigward tappieri fi Triq Ħanaq u Ħida. Ser nerġgħu nagħmlu reminder lil *customer care* fuqhom.
- Talba għal sement ma' rampa f'Wied Bingemma. Il-Kunsill ser jara l-ewwel fuq il-post.
- Talba biex titranga bankina fi Triq San Guzepp. Kien hemm qbil.
- Suġġeriment biex il-Kunsill jixtri 2 kanuni taa' zmien il-Kavallieri. Is-Sindku qal lil Viċi Sindku jiltaqa' mal-persuna u jara l-ewwel proposta ta' prezz fuqhom imbgħad jara wara l-Kunsill.

**26.10.3 Rikjesti mingħand Joseph Vella:**

- Tabella ta' no parking biex timxi ftit il fuq fi Triq San Koronato. Kien hemm qbil.

**26.10.4. Rikjesti mingħand Jean Paul Portelli:**

- Ħofor fit-Triq Mgarr c/w ma' Triq DC Cocco Palmeri biex isir patching. Kien hemm qbil.
- Sement ma' bankina fi Triq Sant Indrija. Kien hemm qbil.
- Suġġeriment biex f'Saint Patricks day nixgħelu t-Torri ta' Kenuna aħdar. Kien hemm qbil li jinxtraw tip ta' *gel* apposta.
- Talba għal patching fi Triq Inzul il-Franċizi. Is-Sindku innota li dawn it-toroq inkluż Irdum ta' Vnuta u Wied ir-Riħan isiru meta jinħargu *Rural Funds* oħra. Kien hemm qbil fuq dan.
- Suġġeriment minħabba tabella ħdejn il-bollards tal-Pjazza meta jkun hemm il-monti peress li waqgħu xi nies x'ħin serħhu magħhom. Rigward dawn ma kienx hemm qbil peress li dawk qedin hemm biex ma jidħlux karozzi u mhux biex jistrieħu n-nies magħhom.
- Suġġeriment biex fil-bajja ta' Daħlet Qorrot jitwaħħal tip ta' *disabled chair* . Kien hemm qbil fuqha u ser naraw l-ewwel mal-Perit tal-Kunsill rigward DNO.

**26.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**KUNSILL LOKALI NADUR**

Il-laqgħa spiċċat fit-8:30p.m. Il-Kunsill kollu qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta 6 ta' April fl-4:30pm.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva